MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 194/2006

**Roderick Galea (ID 543175M)**

**Vs**

**Jason Micallef Segretarju Generali
Malta Labour Party u Miriam Dalli
ghal kull interess li jista jkollha.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li :-

1. prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-allegazzjonijiet imxandra mill-konvenuti fuq il-website MALTASTAR.COM tal-Hamis 15 ta' Gunju 2006 – li taghha tidher traskrizzjoni annessa bhala Dok 'A', huma malafamanti u libelluzi fil-konfront ta' l-attur u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, ai termini ta' l-Art 28 tal-KAP 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors u markat Dok 'A' a fol 2 u 3 tal-istess rikors.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradittur fl-azzjoni proposta u l-esponenti ma kienux responsabbli ghall-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur.
2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost jirrizulta li l-istess pubblikazzjoni mhijiex libelluza fil-konfront tal-attur.
3. Illi minghajr pregudizzju wkoll, il-fatti msemmija jirrizulta li huma 'rapurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kif ukoll taht il-konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.
4. Illi minghajr pregudizzju wkoll, in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'*fair comment* maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accetabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjament dak verbalizzat a fol 31 ibid, u dan waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju 2008.

Ikkunsidrat

Illi, b'referenza ghall-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti u li hi ta' natura preliminari, gew prodotti s-segwenti provi:-

a) Il-konvenuta, Miriam Dalli, xehdet minn jeddha (fol 16 ibid) illi hi, qatt, ma kienet involuta bhala "editur" tal-gazzetta elettronika "Maltastar.com".
b) Jason Micallef, il-konvenut l-iehor, ukoll minn jeddu, xehed (fol 18 ibid) l-istess bhal konvenuta, kif hawn fuq premess.
c) Gaetano De Gabriele (fol 29 ibid) in rappresentanza tar-Registratur tal-istampa xehed illi dan il-kaz trattasi ta' "web site" u l-ligi li tirregola l-istampa ossija l-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta "… ma tipprovdix ghal 'websites', u ghalhekk ma nkunux nafu jew nistghu nafu minn ikun editur", u l-istess Kapitolu citat ma jiddefiniex x'inhu "website".

Ikkunsidrat

Illi, waqt li jigu rilevati dawn il-"lacunae" fl-istess ligi "in materia", kif accennat ghalihom fix-xhieda ta' Gaetano Degabriele, la darba li, bl-ebda mod ma irrisulta, mill-provi, illi l-konvenuti huma xi wahda mill-persuni specifikati fl-artikolu 23 tal-istess ligi, l-ewwel (1) eccezzjoni trid tigi akkolta. Difatti, ma irrisultax illi l-konvenuti huma jew l-awturi, jew l-edituri jew, f'kaz li dan ma jistghux jigu identifkati il-persuni responsabbli ghall-istess pubblikazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, ma hemmx lok illi dan il-kaz jigi deciz fil-meritu jew li jigu kondsiderati l-eccezzjonijiet l-ohra sottomessi mill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti u tillibera lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes jithallsu mill-istess attur ossija rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------